Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9974 — Groupe Crédit Agricole/Groupe Generali/Europ Assistance France/Viavita)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 392/05)

1. Fid-9 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Crédit Agricole S.A. ("Crédit Agricole", Franza);

— Viavita SAS ("Viavita", Franza), bħalissa hija proprjetà u fil-kontroll tal-grupp Crédit Agricole permezz tas-sussidjarja tiegħu Pacifica S.A. ("Pacifica", Franza);

— Assicurazioni Generali S.p.A. ("Generali", l-Italja);

— Europ Assistance France S.A.S ("EAF", Franza), bħalissa hija proprjetà u fil-kontroll tal-grupp Generali permezz tas-sussidjarja tiegħu Europ Assistance Holding S.A.S. ("EAH", Franza).

Crédit Agricole u Generali jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' EAF u Viavita (permezz ta' EAF).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Crédit Agricole: servizzi bankarji, finanzjarji u tal-assikurazzjoni;

— Viavita: il-provvista ta' servizzi ta' assistenza fid-djar u personali;

— Generali: assikurazzjoni;

— EAF: l-għoti ta' assistenza (ivvjaġġar, karozzi, fid-dar u assistenza domestika) u servizzi personali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9974 — Groupe Crédit Agricole/Groupe Generali/Europ Assistance France/Viavita

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").